**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
*e*mail: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 44/K6/11

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 26/05/'11 273**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 26/05/'11 328**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis 26 ta' Mejju 2011.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-3.30 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna
Il-Kunsillier Ronald Agius
Il-Kunsillier Raymond Cachia
Il-Kunsillier Edgar Montanaro
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier Norman Vella
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech.

1.04 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.05 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2. Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-20 ta' Mejju 2011. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Konferenza ta' l-ECAD
4. Aġġornament Jum Lapsi
5. Aġġornament xogħolijiet b'konnessjoni mal-Public Private Partnership
6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

## 1.3 Approvazzjoni ta' Minuti

### Minuti - Kunsill

1.3.01 Iċ-Chairman ressaq il-Minuti 43/K6/11 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 43/K6/11.

1.3.03 Il-Kunsillier Ronald Agius issekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

### Minuti - Kumitat Amministrattiv

1.3.05 Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti 10/KA1/11 u l-Minuti 11a/KA1/11 tal-Kumitat Amministrattiv (Ara Appendiċi 'A' u 'B').

## 2 Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman. Dawn huma:-

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| 2296 | Email mingħand Micamed Ltd. rigward il-kwotazzjoni *SPF Softfail*. |
| 2311 | Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 39/ 2011 – Playing Fields tal-Kunsilli Lokali b'Tagħmir li jista' jkun perikoluż. |
| 2313,2329, K0524,2537 & 2752 | Korrispondenza rigward il-*financial statements/ adjustments* tal-Kunsill. |
| 2777 | Email mingħand l-Avukat Dr. Filletti rigward l-*accountant.* |
| 2315,2653 & K0514 | Korrispondenza rigward il-*Bye Laws* ta' Paceville fuq l-iSkart. |
| 2404 & K0549 | Korrispondenza mas-Sur Joseph Tabone mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward *Audit Report 2009 – Re: Grants and Donations*. |
| 2402 & 2467 | Email mingħand Streetcom outdoor advertising rigward Multi-sits. |
| 2535 &K0633 | Email mingħand l-Awtorita' ta' Djar rigward il-binjiet tal-Gvern. |
| 2563 | Ittra mingħand is-Sindku u c-Chairman tal-Qala rigward il-Qala International Folk Festival - is-sitt edizzjoni. |
| 2603 | Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 44/2011 – Life long learning. |
| 2690 | Ittra mingħand il-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment rigward aċċessibilita' aħjar għall-Balluta. |
| 2760 | Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Tender CMHW 12/2010 – Ġbir ta' Skart Domestiku Mħallat. |
| 2854 | Email mingħand MP&DC rigward il-lukanda tal-Kavallieri. |

2888 &2893 Ittri mingħand il-Kumitat Konġunt għall-infurzar tal-liġi u ordni pubblika rigward iċ-ċitazzjonijiet li ħarġu mil-1 ta' Novembru 2010 sat-30 ta' April 2011.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 2296

2.01 Saret riferenza għal e-mail mingħand Micamed Ltd. rigward il-kwotazzjoni *SPF Softfail*. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li għalissa jiġu rranġati l-fittings tad-dawl ta' mal-ħajt u t-timer biex jiġi evitat kull periklu.

2.02 Ġie deċiż unanimament ukoll li:-

- jiġi rranġat iċ-ċint u l-ħadid li nqala;
- il-Kunsillier Edgar Montanaro jirrevedi d-dokument ta' l-offerti għat-Tmexxija tal-Kumpless Dun Anton Sciberras sabiex jiġu aġġustati paragrafi (e) u (f), hawn taħt imnizzla:-

*(e) Il-kontijiet tad-dawl u l-ilma jirċevihom il-Kunsill u jigu mmedjatament mgħoddija lill-kuntrattur. Il-Kuntrattur għandu jgħaddi l-pagament ta' dawn il-kontijiet lill-Kunsill sa tlett ġimgħat mid-data tal-kont. F'każ li dan ma jsirx il-Kunsill jirriserva d-dritt li jwaqqa' l-kuntratt; Il-kuntrattur ma jistgħax idaħħal servizzi oħra mingħajr il-permess tal-Kunsill. Din it-talba għandha ssir bil-miktub.*

*(f) Għandha ssir garanzija bankarja ta' Lm7000 (€16,310) biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż li ma jasalx għalihom il-kuntrattur.*

- Wara, dan id-dokumet jitressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill biex tinħareġ sejħa għall-offerti.

Rif. Nru. 2402 & 2467

2.03 Saret riferenza għall-email mingħand Streetcom Outdoor Advertising rigward Multi-sits. Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li jitwaħħlu dawn il-Multi-sits dment li:-

- Jinħareġ il-permess mingħand il-Kunsill skont il-Bye-Laws K.L.B.L. 52/2/2006 dwar Reklami fuq Għamara tat-Toroq (Kunsill Lokali San Ġiljan);
- Dawn jitqegħdu ħdejn il-Bus Stops li m'għandhomx Bus Shelter;
- Ħdejn iż-żebra crossing ta' ħdejn is-St. Julian's Parmacy;
- l-Kunsilliera jingħataw erbat ijiem żmien sabiex jindikaw lill-Amministrazzjoni tal-Kunsill aktar areas fejn jistgħu jitpoġġew dawn il-multi-sits;
- l-Viċi-Sindku Richard Scicluna jiltaqa' mal-Streetcom Outdoor Advertising sabiex jindikalhom fejn jistgħu jitwaħħlu ġo Paceville;

Rif. Nru. 2535

2.04 Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand il-Awtorita' ta' Djar rigward il-binjiet tal-Gvern. Il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sindku kif ukoll il-Kunsilliera Irene Borg iltaqgħu mal-Perit ta' l-MP&DC u għandu jsir rapport dwar strutturi perikolużi jew tiswijiet fil-partijiet komuni tal-binjiet kollha tal-Gvern biex jintbagħat lill-Awtorita'.

2.05 Fir-rigward l-iskema taħt Memo 12/2011 li tittratta dwar il-**Ftehim Kuntrattwali Dwar Ix-Xogħlijiet Ta' Manutenzjoni Fuq L-Oqsma Tal-Bini Tal-Gvern** ġie deċiż unanimament li la darba jiġi sottomess ir-rapport lill-Awtorita' u x-xogħolijiet jiġu approvati mill-Awtorita' tinħareġ is-sejħa għall-offerti skont l-iskema.

Rif. Nru. 2537 u 2752

2.06 Saret riferenza għall-korrispondenza rigward il-*financial statements/adjustments*, inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill, li s-Sur Louis Padovani verbalment infurma lis-Segretarju Eżekuttiv li għandhom jiġu ffirmati pġ. 1 u pġ. 5 tal-*financial statements* bid-data ta' l-aħħar laqgħa ta' 28 t'April 2011 (Ara Appendiċi 'C' u 'D'). Kopja ta' dawn ser tintbagħat lill-awdituri.

Rif. Nru. 2563

2.07 Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand is-Sindku tal-Kunsill Lokali Qala dwar il-Qala International Folk Festival. Ġie deċiż unanimament li għal sena oħra konsekuttiva l-Kunsill jipparteċipa f'din l-attivita' bħal snin li għaddew.

Rif. Nru. 2603

2.08 Saret riferenza għall-email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 44/2011 – Life long learning. Ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, l-Onor. Dolores Cristina fejn tiġi nfurmata li għalkemm il-Kunsill juri x-xewqa tiegħu li jsiru dawn il-korsijiet ma jistax jipparteċipa. Dan peress li m'għandux il-post adegwat u l-fondi neċessarji. Meta l-Kunsill is-sena l-oħra pprova jagħti dawn il-korsijiet mill-iskola primarja Kulleġġ Santa Klara ġie mitlub iħallas ammont sostanzjali.

Rif. Nru. 2777

2.09 Saret riferenza għall-email mingħand l-Avukat Dr. Filletti dwar parir fuq materja b'konnessjoni ma' l-accounts tal-Kunsill. Il-Kunsill ġie nnotifikat li s-Sur Louis Padovani diġa ġie nfurmat verbalment sabiex sat-tieni ġimgħa ta' Ġunju 2011 jagħmel l-aġġustamenti skont il-*management letters*. Din l-informazzjoni ser tintbagħat ukoll bil-miktub u fin-nuqqas li x-xogħol ma jsirx fi żmien stipulat ser jitqabbad 'independent body' biex jagħmel dan ix-xogħol għas-spejjez tiegħu.

## 3 Konferenza ta' l-ECAD

3.01 Il-Kunsill ġie pprezentant b'rapport b'konnessjoni mal-konferenza li saret ta' l-ECAD ġewwa Varna flimkien ma' materjal ieħor li ngħata waqt l-istess konferenza. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-esperjenza ta' din il-konferenza wriet li ċerti problemi huma ugwali f'diversi pajjizi u li b'aktar ko-operazzjoni minn kulħadd jibqa' jsir sforz biex tingħeleb din il-problem.

3.02 Is-Sindku nfurma wkoll lill-Kunsill li ħa l-okkażżjoni biex tkellem mas-Sindku ta' l-Isvezzja u tah il-kuntatti kollha biex jagħmel kuntatt mal-klabb tal-*waterpolo* ta' San Ġiljan biex jitilgħu grupp ta' żagħżagħ għal *training camp*.

## 4 Aġġornament Jum Lapsi

4.01 Il-Kunsill ġie pprezentat b'lista ta' spejjeż flimkien mad-dokumenti relatati b'konnessjoni ma' l-attivita' 'Il-Festa ta' Lapsi' (Ara Appendiċi 'E'). F' din il-lista m'hemmx imniżżel l-ispiza ta' min ser ikun għassa mal-*grounds* ta' l-iskola li ser jintuża għall-parking. Fir-rigward l-arranġamenti kollha għal din l-attivita' dawn qegħdin fi stadju avvanzat u qed isiru l-arrangamenti finali. Is-Sindku u l-Kunsilliera Irene Borg qed jattendu programmi fuq il-mezzi tax-xandir fejn qed jingħata tagħrif lill-pubbliku. L-ex-Kunsillier John Agius ta sehem kbir f'din l-attivita' u kien hu li ltaqa' ma' rappreżentanti ta' l-MTA, fejn spjegalhom x'kien jiġri fl-imgħoddi f'lejliet Lapsi, sabiex seta' jittella' ir-*re-enactment*. Is-Sur Agius ipprovda wkoll l-artikli u l-informazzjoni b'konnessjoni ma' din l-attivita'.

4.02 Il-Kunsill qed jiġi nfurmat illi fl-1 ta' Ġunju 2011 ser issir *press conference*. Din ser issir fis-1:00p.m. ħdejn il-Monument LOVE u ser tiġi ndirizzata mis-Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika, l-Onor. Dr. Chris Said.

4.03 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li ħadd mill-Banek ma aċċetta li jagħti donazzjoni jew jisponsorja din l-attivita'.

4.04 Iċ-Chairman reġa' talab l-għajnuna tal-Kunsilliera kollha u awgura li din l-attivita' tkun ta' suċċess.

**5 Aġġornament xogħolijiet b'konnessjoni mal-Public Private Partnership**

5.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li x-xogħolijiet tar-resurfacing tat-toroq tal-Public Private Partnership għadhom ma bdewx minħabba li hemm xi xogħolijiet b'konnessjoni mal-Water Services Corporation li jridu jsiru u li l-Kunsill qed jiġi mitlub mill-Water Services Corporation biex jagħmilhom għas-spejjez tal-Kunsill. Għalhekk saret talab lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jikkunsidra li jiġu allokati aktar fondi. Mit-talba li saret il-Kunsill ser jingħata €16,719.69 iżda jirriżulta li jonqos €19,454.31 għall-spejjez b'konnessjoni mal-mains ta' l-ilma kif ukoll l-ammont ta' €19558.30 b'konnessjoni ma' xogħolijiet ta' drenaġġ, total ta' €39,012.60. (Ara korrispondenza nru. 2474/11, K0560/200b-08&Proj.Fl.PPP/11-JC, 2496/11 u 2757/11- Appendiċi 'G').

5.02 F'dan l-istadju ċ-Chairman ippropona li :-

- il-pagament li l-Kunsill irċieva mill-LES (Ara korrispondenza nru. 2888/11 u 2893/11 – Appendiċi 'H') għall-ammont ta' €23,781 jiġi allokat għal dawn ix-xogħolijiet ;
- il-Kumitat Amministrattiv għandu jalloka €1,432.59 mill-fondi tiegħu minħabba li fi Triq il-Wilga wkoll hemm xogħolijiet xi jsiru b'konnessjoni mal-mains ta' l-ilma ;
- id-differenza ta' €13,799 jiġu allokati għal dawn ix-xogħolijiet meta l-Kunsill jirċievi l-ewwel pagament li jmiss mill-LES.

5.03 Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna ma sabx oġġezzjoni li mill-fondi tal-Kumitat Amministrattiv jiġi allokati l-ammont ta' €1,432.59.

5.04 Il-Kunsillier Norman Vella ssekonda l-proposta taċ-Chairman.

5.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**6 Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

6.01 Iċ-Chairman ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'I').

6.02 Il-Kunsillier Ronald Agius ippropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

6.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**7 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

7.01 Iċ-Chairman ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 3011 sa 3019 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'J').

7.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3011 sa 3019.

7.03 Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna ssekondah.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.05 Iċ-Chairman talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

7.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**8 Materji Oħra**

8.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li:-

- Ser jinxtara monitor, thin client, keyboard u mouse;

- It-Tender ta' l-insurance għalaq il-Ħamis 19 ta' Mejju 2011 u qiegħed fil-proċess biex isir l-evalwazzjoni.

- Inħarget l-offerta għal accountant u din tagħalaq nhar it-Tnejn 13 ta' Gunju 2011 fl-10.30a.m.

- B'riferenza għall-Minuti 35/K6/10 datati 30 ta' Settembru 2010, taqsima 2 paragrafu 2.20 ser jiġi ffirmat il-Maintenance Agreement mal-LogicPass Ltd. mill-ewwel ta' Ġunju 2011 għal tlett snin (Ara Appendiċi 'K' - kopja mehmuża).

- Sar pagament ta' €60 lill-MP&DC biex jerga' japplika għall-*compliance certificate* f'Ta' Giorni. Ġie deċiż unanimament li meta jinħareġ il-*compliance certificate* mill-MEPA l-Kunsill japplika għall-meter ta' l-ilma.

- Deher artiklu fuq il-ġurnal it-Torċa fit-8 ta' Mejju 2011 (Ara Appendiċi 'L') fejn issemmew is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv u ser jittieħed parir legali mill-avukat tal-Kunsill.

8.02 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'korrispondenza relatata ma' Triq il-Palm (Ara Appendiċi 'M'). Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li ssir stima tax-xogħolijiet u din tintbagħat lis-Sur David Borg biex jew jagħmilha hu jew issir mill-Kunsill għas-spejjeż tiegħu. Il-Kunsillier Edgar Montanaro ser jieħu ħsieb din il-materja wara li tiġi provduta l-istima.

8.03 Ġie deċiż unanimament illi tintbagħat lista ta' attivitajiet li jsiru mill-Kunsill kif ukoll dawk li jsiru b'kollaborazjoni mal-Kunsill lill-Green MT (Ara Appendiċi 'N'). Dan sabiex tiġi applikata klawsola M "Kontribuzzjoni Ambjentali" tal-kuntratt li kien gie iffirmat bejn il-Kunsill u l-Green Mt fid-9 ta' Awissu 2010.

8.04 Il-Kunsill ġie nfurmat li Tanti, li jarma bil-kabbana fil-Bajja ta' San Ġorġ, lest li jipprovdi żewġ moblie toilets u jnaddafhom għas-spejjeż tiegħu, u lest li jħallas għad-dawl u l-ilma dment li l-Kunsill jagħaddilu main ta' l-ilma.

8.05 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni dment li jinħarġulu l-permessi kollha meħtieġa biex isiru dawn il-mobile toilets u li jagħmel it-talba bil-miktub.

8.06 Il-Kunsillier Raymond Cachia ġie skuzat fis-5.40 p.m.

8.07 Il-Kunsilliera Irene Borg nfurmat lill-Kunsill li:-

- għas-'self funding activity' li għamlet għal jum l-omm attendew tlieta u erbgħin persuna u li din l-attivita' saret il-Seaview Hotel.
- Ser tiġi organizzata 'self funding activity' oħra għal jum il-missier nhar it-28 ta' Gunju 2011. Din ser tkun ħarġa għal Għawdex.

8.08 Ġie deċiż unanimament li l-laqgħa li jmiss issir il-Ħamis 23 ta' Gunju 2011.

8.09 Iċ-Chairman għalaq il-laqgħa fis-5:45pm.

**Peter Bonello**
**Sindku**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**